MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2011

Numru 334/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**CHANTELLE MALLIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Chantelle Mallia, ta’ 27 sena bint Emanuel Zammit u Lucia nee’ Tonna mwielda l- Pieta’ nhar id- 09 ta’ Ottubru 1982 u residenti gewwa ‘Agape’, Triq it-Terz, Swieqi u detentur tal-karta ta’ l-identita’ no:- 0614682(M);

Billi giet akkuzata talli nhar it- 02 ta’ Marzu, 2010 u fi xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin

b'rizoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi;

1. Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il- persuna tar-ragel taghha Steve Mallia skond kif iccertifkat Dr. Adrian Vassallo M.D. Reg. No. 1330.
2. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi uzat vjolenza sabiex iggieghel li r-ragel taghha Steve Mallia, jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga.
3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi gabet ruhha b'mod li tghat fastidju li r- ragel taghha Steve Mallia.
4. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kkagunat li r- ragel taghha Steve Mallia biza' li se tintuza vjolenza meta missha kienet taf li l-imgieba taghha se tikkaguna lil xi hadd iehor hekk biza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet.
5. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi heddedt lil ragel taghha Steve Mallia, flimkien ma ordni jew kondizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. NS3 u nnutat li l-imputata Chantelle Mallia m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Steve Mallia iddikjara li hu r-ragel tal-imputata, li s-sitwazzjoni bejnu u bejn martu issa rrangat ruhha u iddikjara li qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputata kull fejn hu rinunzjabbli. Inoltre l-istess parte civile Steve Mallia talab li l-Qorti tezentah milli jixhed stante li l-imputata hija martu.

Innutat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li ma jopponix it-talba tal-parte civile u din il-Qorti laqghet it-talba.

Rigward l-ewwel (1) akkuza, it-tieni (2) akkuza, it-tielet (3) akkuza u r-raba' (4) akkuza migjuba kontra l-imputata Chantelle Mallia tillibera lill-istess imputata Chantelle Mallia minn dawn l-akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Rigward il-hames (5) akkuza migjuba kontra l-imputata Chantelle Mallia tiddikjara procediment esaurit stante rinunzja da parti tal-parte civile Steve Mallia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------